**Laqgħa Numru 35**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**28 ta' Frar 2022**

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq Santa Katerina, Xewkija, Għawdex. Il-laqgħa bdiet fil-4.35pm ta' wara nofsinhar.

---

PREŻENTI:

Hubert Saliba - Sindku

Paul Azzopardi - Viċi Sindku

Jeanelle Attard - Kunsilliera

Johnny Vella - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (skond Ordni Permanenti 14A (3)):

Domenic Zerafa - Kunsillier

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Attard - Segretarju Eżekuttiv

**35.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija**

35.1.1 Il-Kunsillier Domenic Zerafa kien informa lill-Kunsill li ma setax jattendi minħabba raġunijiet ta' saħħa.

Is-Sindku Hubert Saliba ippresjeda l-laqgħa. Is-Sindku ppropona li tinbidel l-ordni tal-laqgħa u l-Kunsill jgħaddi mill-ewwel għall-item 35.5 fuq l-Agenda li tittratta r-Rapport Finanzjarju għas-sena Il-Kunsi2021. ll qabel ma' din il-proposta.

**35.5 Rapporti Finanzjarji**

35.5.1 Is-Sindku stieden lil Accountant tal-Kunsill biex jippreżenta r-rapport finanzjarju għas-sena 2021. Is-Sur Mercieca ta rendikont sħiħ ta' dan ir-rapport u wieġbet għad-domandi kollha li għamlu l-membri tal-Kunsill. Is-Sur Merciea spjega li l-ammont ta' kera dovuta lil-Land Authority li anke tinkludi kera dovuta għas-snin preċedenti affetwat il-figura ta' profit għas-sena. Din il-kera ma kinitx idaħħlet fis-snin preċedenti peress li kien fl-aħħar ta' Jannar li l-Kunsill irċieva kopja tal-ftehim biex jiġi ffirmat. Is-Sur Mercieca issuġġeriexxa li l-Kunsill jidħol f'*Guardanship Agreement* għax fi ftehim ta' dan ix-xorta l-Kunsill ma jħallasx kera peress li jkun qed jidħol fi spejjeż biex iżomm il-post sew. Is-Segratarju talbet lill-accountant biex jieħu ħsieb jipprepara l-baġit annwali u l-pjan ta' ħidma għal-laqgħa li jmiss. Il-Kunsill approva dan ir-rapport u rringrazzja lis-Sur Mercieca għas-servizz tiegħu.

*5.10pm Il-Kunsillier Johnny Vella daħal fil-kamra tal-Kunsill.*

**35.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

35.2.1 Il-minuti tal-laqgħa Nru 33 u laqgħa b'urġenza Nru 34 ġew approvati mill-membri tal-Kunsill preżenti u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**35.3 Komunikazzjoni mis-Sindku.**

35.3.1 Is-Sindku rreferra għall-karozza li spiċċa l-asfalt tela' magħha fi Triq Ħaġret L-Armi u hemm bżonn jsir matenzjoni fl-istess triq u ma jistax isir jekk din ma titharrikx. Is-Sindku spjega li qed jaħdem mal-Community Policemen biex din titneħħa u tkun tista' ssir l-manitenzjoni li hemm bżonn.

35.3.2 Is-Sindku rreferrra għall-munzelli ta' terrapien f'Tal-Ħorob li reġa' hemm wara li kien tneħħa munzell mill-aħħar laqgħa 'l hawn. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet rigward jekk inġabrux il-kwotazzjonijiet tal-cameras għal Tal-Ħorob. Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien qed jiġbor dawn il-kwotazzjonijiet. Il-Kunsill idiskutta u qabel li għandha ssir CCTV

anke fi Triq Il-Mitħna biex jiġu kkontrollati vetturi kbar li xorta qed jgħaddu għall-pjazza.

35.3.2 Is-Sindku rreferra għat-talba mill-organizzaturi tal-Gaudos Half Marathon li kienu qed jitolbu li din il-maratona ssir nhar il-Ħadd 3 t'April 2022, fi tmiem il-ġimgħa meta se jkun fostna il-Papa. Il -Kunsill iddiskutta li l-Papa se jżur Għawdex is-Sibt 2 t'April 2022 u għaldaqstant dan l-avveniment ma kienx se jkun qed itellef. Il-Kunsill qabel li kellha tingħata n-*No Objection* biex jitella' dan l-avveniment.

35.3.3 Is-Sindku rreferra għal yellow lines fejn Triq Il-Mitħna u t-tabelli tal-one-way minn Triq San Ġwann għal Triq Il-Ħamrija fejn meta tkellem mal-Avukat Deborah Camilleri fi ħdan Transport Malta ikkonfermatlu li m'hemmx għalfejn li tiġi on-site il-Perit. Is-Sindku spjega li għandu jkellem lis-Sur Cefai fi ħdan TM fuq dawn l-issues u anke fuq ir-rubberised poles għall-roundabout fi Triq Il-Mitħna. Is-Segretarju ġibdet l-attenzjoni li din hi triq arterja u għalhekk din ir-roundabout ma taqax taħt ir-respobsabilta' tal-Ministeru t'Għawdex.

35.3.4 Is-Sindku rreferra għall-proġett tal-bankini tal-Ħamrija li kien beda u li s-Sindku kien sodisfatt kif kien miexi x-xogħol. Is-Sindku spjega li fejn San Ġwann kien qed isir l-aħħar u fejn anke talab li l-hedging jsalvawh ħalli ma jerġax jitħawwal wieħed ġdid u anke minħabba issues ta' safety għat-tfal.

35.3.5B'refereza għax-xogħol fuq il-playingfield Tal-Ħamrija s-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill preżenti li kien sar is-survey, tkissret il-kurduna u matul din il-ġimgħa kien ser isir anke r-replanting tas-siġar.

35.3.6 Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill li minflok il-latrina tal-Ħamrija li bħalissa ma tistax tinfetaħ minħabba li l-playingfield hu construction site kien talab li tibda tinfetaħ il-latrina ta' Ġnien Il-Ħaddiem. Dan wara li saret manintenzjoni fuq din il-latrina. Is-Sindku spjega li kien ġie nfurmat mill-Mgozo li l-latrina tal-Ħamrija kienet ser isir rinovazzjoni fuqha.

35.3.7 Is-Sindku nforma l-Kunsill li Triq Ta' Ġidi kienet magħluqa hekk kif kienet sfrondat parti mit-triq hekk kif kien għaddej xogħol ta' kostruzzjoni.

35.3.8 Is-Sindku ppreżenta l-kwotazzjoni biex tiżdied bozza fi Triq San Anard fejn tintrema l-gabbana. L-istima għal din il-bozza kienet tlaħħaq il-€5939.93. Is-Sindku spjega li din kienet ser tiġi ffinanzjata mill-Ministeru t'Għawdex wara li saret talba.

35.3.9 Is-Sindku spjega li taħt l-applikazzjoni tal-Urban Greening il-Kunsill applika għall-pots fuq il-bankina tal-Housing Estate tal-Ħamrija minflok ix- shrubs li hemm preżentament.

35.3.10 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li t-tender għall-flooring tal-Playingfield ta' Ġokk kienet se toħroġ il-Ħamis 3 ta' Frar 2021.

35.3.1 B'referenza għall-kont ta' 8 viġi ramel għal Triq Is-Salvatur, is-Sindku spjega li dan ix-xogħol kellu jsir hekk kif it-triq kien ħadha l-wied bix-xita qliel fil-bidu tax-xitwa.

**35.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

35.4.1 Il-Kunsillera Jeanelle Attard irreferriet għal-proġett tal-Learning Hub, liema proġett għalkemm approvat kien għadu ma bediex. Is-Sindku spjega li Waqt li l-Kunsill kien qabad lill-Perit Micallef dan kien għadu ma pprepara xejn. Il-Kunsill idiskutta li jkun għaqli li dan il-proġett jieħu ħsiebu l-Perit li rebaħ it-tender.

35.4.2 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard rreferriet għall-istat ta' abbandun li fih jinsab l-Ulysses Grove fejn kien beda x-xogħol fuqu u tħalla nofs leħja. Il-Kunsillier talbet li tal-inqas isiru bins peress li jkun frekwentat minn ħafna nies. Is-Sindku spjega li kienu saru xi amendi fuq dan il-proġett li tefgħu l-proġett lura. Is-Segetarju ħadet nota biex titlob lid-Direttur Cutajar fi ħdan MGozo biex nitolbu li jiġu nstallati tanikijiet taż-żibel f'dan il-ġnien.

35.4.3 Il-Viċi Sindku staqsa rigward l-issue tal-white roads bħal Tal-Ġidi u Trejqet Il-Barrieri. Is-Sindku rreferra għal ħajt li nbena llegalment fi triq Trejqet tal-Barrieri. Is-Segretarju rreferret għal numru ta' imejls li bagħtet residenta minn Trejqet tal-Barrieri fuq l-istat ħażin tat-triq u fejn l-istess residenta qed tkompli tinsisti biex isir park fuq l-area tan-nofs immarkata bħala Green Area. Is-Sindku spjega li biex din l-area tiġi żvillupata f'park l-ewwelnett l-art trid tgħaddi f'idejn il-gvern. Is-Sindku kompla spjega li l-kwistjoni ta' Trejqet Tal-Barrieri u Trejqet Taċ-Ċnus qiegħda f'idejn il-gvern u mhux il-Kunsill. Il-komputi tal-Kunsill hu li jgħaddi l-lista ta' toroq li jridu jsiru imma dawn imbagħad iridu jsiru mill-Ministeru t'Għawdex.

35.4.4 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet fuq id-devolution ta' Triq Jean De La Valette. Il-Kunsill idiskutta l-fatt li hemm parapetti u twieqi miftuħa.

35.4.5 Il-Kunsilliera Johnny Vella staqsa fuq il-kaxxa tal-posta biex tersaq aktar lejn il-pjazza. Bħalissa qiegħda fejn l-ispeżerija meta kien beda x-xogħol tal-pjazza. Il-Kunsill qabel li kellha ssir fejn it-telephone box fuq suġġeriment tal-Viċi Sindku Paul Azzopardi.

35.4.6 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard semmiet l-inkonvenjent li jinħass fost ir-residenti minħabba li fir-raħal ma nsibux ATM. Il-Kunsill iddiskutta numru ta' skużi li qed iġib l-BOV u l-ATMS provduti minn kumpaniji oħrajn li għandhom charges għolja.

35.4.7 Il-Viċi Sindku rreferra għall-ilmenti kontinwi li qed ikollu hekk kif il-ħlasijiet tal-kontijiet tal-Arms fil-Leap waqaf ħesrem. Is-Segretarju rreferriet għall-korrispondenza li għaddiet mis-CEO tal-Arms fejn kien irrisponda li għandu wieħed jaġġorna maż-żminijiet tal-lum u l-fatt li cash offices simili ilhom ħafna li għalqu. Il-Kunsill idiskutta li kellu jiċċekja fuq il-possibilta' ta' sub-post tal-Maltapost. Is-Segretarju ġibdet l-attenzjoni li biex jiġi provdut dan is-servizz għandu jiġi ingaġġat ħaddiem klerikali hekk kif fil-preżent in-nuqqas ta' ħaddiema jinħass sew. Il-Kunsill idiskutta u l-membri

preżenti qablu li għandu jibda l-proċess biex toħroġ sejħa għal skrivan klerikali fuq bażi part-time.

35.4.8 Il-Kunsillera Jeanelle Attard talbet li jitwalu l-linji sofor fi Triq San Ġwann kantuniera ma' Triq Santa Katerina minħabba konġestjoni li qed tinħoloq speċjalment filgħodu fil-ġranet tal-iskola. Is-Segretarju ħadet nota biex titkellem mas-Sur Buhagiar fi ħdan l-MGozo

35.4.9 B'referenza għall-attivita' relatata ma' żmien ir-Randan il-Kunsilliera Jeanelle Attard issuġġerriet li titella' Via Sagra b'differenza fejn isir riflessjoni fuq id-diversi tbatijiet li jeżistu fil-ġurnata tal-lum. Il-Kunsill idiskutta li din għandha tinħadem maż-żgħażagħ. Is-Sindku semma' lis-Sur Albert Marshall li kien offra biex jgħin lill-Kunsill fuq attivitajiet kulturalli. Il-Kunsill qabel li s-Sindku għandu jkellem lis-Sur Marshall. Mill-banda l-oħra l-Kunsilliera Jeanelle Atatrd kellha tiehu ħsieb li tikkordina maż-żgħażagħ.

35.4.10 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard talbet li l-Kunsill jikkunsidra li jinxtara pavaljun tal-festa li kienu qed ibiegħu l-Għaqda Armar Xewkija għall-Kunsill u bandiera mill-Grupp Organizattiv tal-Ħamrija. Il-Kunsill qabel ma' dan waqt li s-Sindku ssuġġerriexxa li jsir arblu fuq il-bejt tal-Kunsill u li jinġabru l-istimi ukoll biex isir taraġ għal fuq il-bejt.

### 35.6 Applikazzjoni Skema CIES

35.6.1 B'referenza għaċ-Ċirkulari SPI/SCI/2/2022 Tnedija mill-ġdid tal-***Community Inclusive Employment Scheme*** (CIES) is-Sindku ssuġġerriexxa li l-Kunsill għandu japplika taħt din l-iskema. Apparti li dejjem jekk tgħaddi din l-applikazzjoni nkunu qed inaqsu mill-problema ta' nuqqas ta' staff fl-uffiċju li preżentament tinħass, permezz ta' din l-iskema l-Kunsill ikun qed jagħmel il-parti tiegħu biex persuni b'diżabilita' jintegraw fid-dinja tax-xogħol. Il-membri preżenti unanimament qablu li għandna naplikkaw għal persuna bħala *General Office Hand* fuq bażi *full-time.* Il-Kunsill qabel li jħallas il-parti tal-kontribuzzjoni tas-Sigurta' Soċjali li hu obbligat li jħallas bħala *employer* anke s-siegħat oltre minn dawk stabiliti fil-kuntratt.

### 35.7 Korrispondenza u Ilmenti

35.7.1 25/01/2022 Cir AKL 2022/015 Parteċipazzjoni tal-Kunsilli Lokali fl-'Earth Hour' 22.

35.7.2 27/01/2022 Cir AKL 2022/017 Caritas Malta Epilepsy Associartion. Is-Segretarja Eżekuttiva ssuġerit li ssir mit-12 sa 14 ta' Frar, 2022.

35.7.3 27/01/2022 Is-Sindku qabel ma din il-proposta.

35.7.4 28/01/2022 Cirk AKL 2022/011 Regionalised Management Consultation.

35.7.5 28/01/2022 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard għamel proposta fuq il-Karnival għax isiet isemmiha fil-laqgħa.

35.7.6 31/01/2022 Is-Segretarja Eżekuttiva bagħtet korrispondenza lis-Sindku u Kunsilliera dwar it-Traffic Mangement tat-Triq il-Kbira.

35.7.7 30/01/2022 Korrispondenza mingħand Ms Rachel Debattista dwar granpuni biex isiru fi Triq Ħraba biex ma jkunx hemm skart.

35.7.8 30/01/2022 AKL 2022/019 Il-laqgħa Plenarja għas-Sindki, Viċi-Sindki, Kunsillliera u Segretarji Eżekuttivi.

35.7.9 01/02/2022 Korrispondenza mibgħuta lil Prim Ministru mingħand Ms. Annamrie Baldacchino dwar Trejqet il-Barriera, Triq Majmuna u Triq iċ-Ċnus, ix-Xewkija, (kopja annessa lill-Kunsill Lokali ix-Xewkija.

35.7.10 03/02/2022 Korrispondenza mingħand Ms Jeanelle Cutajar fejn qalet li tixtieq tgħallem fil-korsijiet tas-Sajf f'Messy Hands.

35.7.11 03/02/2022 Green Area f'Tal-Barrieri korrispondenza mingħand Ms Annamarie Baldacchino.

35.7.12 03/02/2022 Installation of Outdoor Fixed Percussion Exhibitions MFER/21/2021.

35.7.13 03/02/2022 Is-Sindku Qabel li napplikaw għal din l-iskema.

35.7.14 03/02/2022 Il-Viċi Sindku qabel mal-proposta dwar il-Karnival tal-Kunsilliera Ms. Jeanelle Attard.

35.7.15 04/02/2022 Case Officer Consultation Planning Authority. Triq Ta' Gokk To Demolish Vacant Plant PA/00856/22.

35.7.16 05/02/2022 Il-Kunsilliera Ms.Jeanelle Attard, taqbel mal-proposta ta' Triq tal-Barriera.

35.7.17 07/02/2022l Korrispondenza mingħand id-Direttur Joseph Cutajar fejn talab li nindikawlu x'tip ta' boroż ta' skart, il-postijiet mnejn ser jinġabru għax ser issir 'Bags Clean Up Events'.

35.7.18 08/02/2022 Il-Viċi Sindku qabel mal-korrispondenza li bagħtet Sa Baldacchino.

35.7.19 09/02/2022 Korrispondenza mingħand is-Sur Joe Sciberras (SEM) dwar laqgħa li ser

tiġi organizzata fl-iskola Primarja il-Ħamis 24 ta' Frar dwar il-Futur tal-Europa.

35.7.20 09/02/2022 Korrispondenza lis-Sindki, Viċi-Sindki u Segretarji Eżekuttivi Cirkulari Numru *SPI/SCI/2022* dwar Community Inclusive Employment Scheme 2022.

35.7.21 09/02/2022 Korrispondenza mingħand is-Sur Brian Pace (SEM) diskussjoni Pubblika f'Għawdex dwar il-futur tal-Europa fl-Iskola Primarja Xewkija.

35.7.22 31/02/2022 Korrispondenza mingħand is-Segretarja Eżekuttiva lis-Sindku u Kunsilliera fuq attivitajiet li ser isiru Kulleġġ Primarja Xewkija tal-Karnival.

35.7.23 15/02/2022 Korrispondenza mingħand is-Sur Galea Fabian fuq id-diskussjoni Pubblika li ser isir f'Għawdex dwaw il-Futur tal-Ewropa u talab li il-Kunsill jikkonferma l-attendenza ta' minn ser jattendi għal din il-laqgħa.

35.7.24 16/02/2022 Cir AKL 2022/025 to the Gemma Strategy 2022/2025 fejn Mario Fava kiteb il-link lis-Sindki, Viċi-Sindki, Kunsilliera u Segretarji Eżekuttivi mnejn tista tidħol fil-link.

35.7.25 16/02/2022 Cir AKL 2022/023 –Learning Works MQF Level 6 Award in Women in Leadersip, hawnhekk Mario Fava indirizza lill-Presidenti Reġjonali, Sindki, Viċi-Sindki, Kunsilliera u Segretarji Eżekuttivi dwar Learning Works rigward dawn il-korsijiet li ġejjin.

35.7.26 16/02/2022 Korrispondenza mingħand is-Segretarja Eżekuttiva lis-Sindku u Kunsilliera mingħand Ms Marthese Vassallo li tixtieq tagħti donation ta' prints ta' perpex kitbet fuq facebook lil Kunsill Lokali.

35.7.27 12/02/2022 Korrispondenza mingħand M'Angelo Camilleri tas-Soċjeta Filarmonika Xewkija fejn informa lil Kunsill din is-Sena ser isir il-ktieb fuq il-festa biex jara rridux li nagħmlu riklam.

35.7.28 16/02/2022 Korrispondenza lis-Sindku mingħand is-Sur Colin Attard fejn infurmah li l-attivita' Gaulitana ser fl-24 ta' Marzu, 2020 u jixtieqx il-Kunsill Lokali ikun imsieħeb f'din l-attivita '.

35.7.29 17/02/2022 Cir AKL 2022/026 Invitation on Sustainable Mobility – Video Conference indirizzata mill-Ministru Ian Borg li ser isir 24 ta' Frar, 2022 fil-8.45a.m.

35.7.30 17/02/2022 Il-Viċi Sindku qabel li naċettahom il-Perpex li ofritilna Ms Marthese Vassallo imma ġġibhom hi lill-Kunsill.

35.7.31 17/02/2022 Korrispondenza mingħand is-Segretarja Eżekuttiva lis-Sindku u KunsillIera

fejn anness poġġiiet l-Agenda 35.

35.7.32 13/02/2022 Korrispondenza mingħand is-Segretarja Eżekuttiva lis-Sindku u Kunsilliera fejn infurmathom li ser issir laqgħa virtwali fit-28 ta' Frar, fl-4.p.m.. Aġenda anessa.

35.7.33 22/02/2022 Il-Kap tal-iskola Primarja kitbet korrispondenza fejn infurmat lil Kunsill li hi għall-Karnival ħallset 500 euro għall-Amplifier. Issa qed titlob 250 euro minn naħa tal-Kunsill biex jitħallas. (Kopja Anessa tal- Invoice).

35.7.34 22/02/2022 International's Day Conference li ntbagħatert minngħand Ms Maria Camilleri tal-NCPA din ser tiġi organizzata mit-3 ta' Marzu.

35.7.35 23/02/2022 Korrispondenza lill-Prim Ministru (kopja lill-Kunsill ix-Xewkija) fejn talbet li kif kien imwieghed Trejqet il-Barrieri, Triq Majmuna, Trejqet iċ-Ċnus issir spazju miftuħ għar-residenti. Waqt li dawn it-toroq isiru bit-tarmak.

35.7.36 25/02/2022 ĊIR AKL 2022/028 relatata mal-Infurzar tal-Bins.

**35.8 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

35.8.1 Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill li kienet intbagħtet mal-Aġenda għall-attenzjoni tal-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**35.9 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss**

30.9.1 Il-laqgħa ntemmet 7.25pm. Il-membri tal-Kunsill unanimament qablu li s-seduta li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 29 ta' Marzu 2022 fl-4.30pm.

Konfermati, illum **12 t'April 2022_________**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ____________________ | _______________________ |
| Hubert Saliba | Marion Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |